

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15959/25

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0543 (COD)
2025/0544 (CNS)

IND 546
RECH 521
COMPET 1236
MI 959
EDUC 475
TELECOM 431
ENER 625
ENV 1281
CLIMA 557
AGRI 644
TRANS 589
SAN 775
BIOTECH 40
CADREFIN 335
CODEC 1921

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11765/1/25 REV 1; 11749/25
Suġġett:	<i>Tħejjija għall-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2025</i> Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 a) Il-Programm Qafas u r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni b) Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - Rapport ta' progress

Ir-rapport ta' progress li jinsab fl-Anness ta' din in-nota jippreżenta l-fehmiet tal-Preżidenza dwar is-sitwazzjoni attwali u l-progress li sar fl-eżami tal-proposti msemmija hawn fuq fit-tieni nofs tal-2025. Ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Preżidenza u huwa mingħajr preġudizzju għal punti ta' interess partikolari jew aktar kontributi mid-delegazzjonijiet individwali.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiehū nota tar-rapport ta' progress u jibagħtu lill-Kunsill (Kompetittività) bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2025.

**Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
2028-2034**

a) Programm Qafas u r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

b) Programm speċifiku għall-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa

- Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. L-Unjoni Ewropea (UE) qed tħabbat wiċċha ma' mument kruċjali. Is-suq uniku għadu mhux komplut, mgħobbi b'kumplessità regolatorja u silos nazzjonali, li jdgħajfu l-kompetittività u l-koeżjoni Ewropea. Barra minn hekk, kif enfasizzat fir-rapporti ta' Draghi, Letta u Heitor, l-UE qed taqa' lura fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-investimenti assoċjati meta mqabbla ma' kompetituri dinjin, u dan iqajjem dubji dwar it-tmexxija teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-UE.
2. L-UE qegħda f'mument ta' bidla deċiżiva, u l-isforzi futuri tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) qatt ma kienu aktar importanti. F'dinja ta' inċertezza dejjem akbar, bi sfidi u kriżijiet globali, teknoloġiji li qed ifiġġu malajr, u xenarju ġeopolitiku kkaratterizzat minn tibdil rapidu, ir-R&I ppjanati u sostnuti jaqdu rwol ewlieni fil-fehim tal-isfidi, fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u fil-ħila fit-teknoloġiji li ser isawru l-ġejjieni. Għalhekk huwa meħtieġ li dawn l-isfidi jiġu indirizzati permezz ta' strateġiji u investiment intelliġenti u konġunti, l-isfruttar tal-innovazzjoni u t-tiżiħ tas-sisien ta' UE reżiljenti sabiex jiġu żgurati s-sigurtà, il-prosperità u l-kompetittività futuri tagħna.

3. L-UE teħtieġ kollaborazzjoni aktar b'saħħitha. Billi l-kollaborazzjoni hija l-akbar qawwa tal-Ewropa, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom il-prerekwiżiti biex jagħtu ħajja għdida lit-tmexxija xjentifika u teknoloġika Ewropea u joħolqu l-innovazzjoni meħtieġa biex tindirizza l-isfidi quddiemna. Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont Ewropa li jmiss irid ikun minn ta' quddiem nett biex jintlaħaq dan l-oġettiv f'sinerġiji mill-qrib ma' programmi oħra taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss. Il-QFP li jmiss irid jiżgura li r-riżultati eċċellenti tar-R&I li jsiru fl-Ewropa jintużaw fl-UE, filwaqt li jipprovdi soluzzjonijiet prattiċi għaċ-ċittadini tagħha u jifih u swieq ġodda għall-industrija tagħha.

II. INFORMAZZJONI ĠENERALI

4. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat żewġ proposti relatati: waħda għall-istabbiliment ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-Programm Qafas)¹, u l-oħra għal Programm Speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa (il-Programm Speċifiku)².
5. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew huwa responsabbli għal dawn il-proposti. Is-Sur Christian Ehler (PPE, DE) nħatar rapporteur għall-Programm Qafas, filwaqt li s-Sur René Repase (S&D, DE) għall-Programm Speċifiku.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew ikkonsultati għal opinjonijiet dwar il-Programm Qafas.

III. SITWAZZJONI ATTWALI

7. L-ewwel skambju informali ta' fehmiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar Orizzont Ewropa sar fil-laqgħa informali tal-Ministri għar-R&I fis-17 ta' Lulju 2025 f'Copenhagen.

¹ Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 (11765/25).

² Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Programm Speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034, li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni skont dak il-Programm, u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2021/764 (ST 11749/25).

8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (RWP) irċieva preżentazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-Programm Qafas u l-Programm Speċifiku fl-24 ta' Lulju u l-1, ir-4, it-8, il-11, il-15, it-18, it-22 u l-25 ta' Settembru 2025, fejn id-delegazzjonijiet kellhom l-opportunità li jitolbu kjarifiki. Wara l-kjarifiki pprovduti mill-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka pproċeda bl-eżami tal-proposta.
9. Sar eżami dettaljat tal-proposti fis-6, id-9, it-13, is-16 u s-27 ta' Ottubru u fit-3, is-6, l-10, l-14, is-17, l-20 u s-27 ta' Novembru 2025. Għal dan l-għan, it-test tal-proposti kien strutturat f'sitt blokk, li jikkombinaw dispożizzjonijiet tematikament relatati tal-Programm Qafas u l-Programm Speċifiku, kif ġej:
- Blokk 1 - Dispożizzjonijiet ġenerali: il-Programm Qafas (l-Artikoli 1 sa 10 u 35 sa 37) u l-Programm Speċifiku (l-Artikoli 1 sa 4 u 18 sa 21);
 - Blokk 2 - Pilastru I - Xjenza Eċċellenti: il-Programm Qafas (l-Artikoli 12 sa 14) u l-Programm Speċifiku (l-Artikoli 6 sa 10);
 - Blokk 3 - Pilastru II - il-Kompetittività u s-Soċjetà, inkluż is-sħubijiet Ewropej: il-Programm Qafas (l-Artikoli 11 u 15) u l-Programm Speċifiku (l-Artikoli 5 u 11);
 - Blokk 4 - Pilastru III - Innovazzjoni: il-Programm Qafas (l-Artikoli 16, 17 u 34) u l-Programm Speċifiku (l-Artikoli 12 u 13);
 - Blokk 5 - Pilastru IV - Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER): il-Programm Qafas (l-Artikoli 18 u 19) u l-Programm Speċifiku (l-Artikoli 14 sa 17);
 - Blokk 6 - Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni: il-Programm Qafas (l-Artikoli 20 sa 33).
10. It-test fil-parentesi kwadri ma ġiex inkluż fid-diskussjonijiet³.

³ Programm Qafas: L-Artikolu 1(2) (is-Suġġett), l-Artikolu 6 (il-Baġit) u l-Premessa 31 korrispondenti, l-Artikolu 19 (it-Twessigħ), il-Premessa 36 (ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni); Programm Speċifiku: l-Artikolu 1(2) (Suġġett), l-Artikolu 3 (Baġit), l-Artikolu 4(3) (Programm ta' ħidma).

11. Barra minn hekk, il-Presidenza kellha dibattiti ta' orjentazzjoni dwar oqsma tematiċi fil-laqgħat tal-Kunsill Kompetittività fit-30 ta' Settembru u d-9 ta' Diċembru 2025, li jkopru s-suġġetti tar-R&I għal użu doppju, is-sigurtà u d-difiża kif ukoll prijoritajiet strateġiċi għar-R&I tal-Ewropa, inkluż enfasi fuq sħubiji futuri.

IV. PROGRESS MIKSUB

12. L-għan tal-Presidenza kien li tifhem il-proposti bir-reqqa, u kif huma marbuta mal-proposta dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), u li tmexxi 'l quddiem kemm tista' n-negozjati għall-armonizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tat-test. L-għan kien li l-esperjenza tal-passat tintuża bħala pedament filwaqt li jkun hemm aktar enfasi fuq l-aspetti l-ġodda tal-proposti. Biex ikun hemm ċarezza, ingħatat attenzjoni partikolari lil diskussjonijiet strutturati dwar kwistjonijiet speċifiċi, appoġġati min-noti ta' riflessjoni tal-Presidenza, u biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin li jeħtieġu aktar attenzjoni fin-negozjati li jmiss. F'ċerti każijiet, fejn ikunu meħtieġa kjarifika aktar fil-fond u negozjati, it-test tqiegħed bil-korsiv u b'tipa grassa. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll dokumenti informali siewja matul in-negozjati.
13. Il-Presidenza enfasizzat il-prinċipji gwida li ġejjin biex jgħinu fit-tmexxija tan-negozjati:
- jiġi inkoraġġut ħsieb innovattiv b'taġħlimiet mill-passat biex jinstabu oqsma ġodda;
 - jiġu kkonsolidati l-partijiet fil-mandat tal-RWP u l-kjarifika u t-teħid ta' pożizzjoni dwar ir-rabtiet mal-FEK il-ġdid;
 - jiġu żgurati d-dettalji meħtieġa fir-Regolament li jippermettu flessibilità f'qafas fl-implimentazzjoni permezz ta' programmi ta' ħidma; u
 - tiġi evitata ripetizzjoni minn atti leġiżlattivi oħra sakemm ma jkunux meħtieġa eċċezzjonijiet jew speċifikazzjonijiet.

14. In-negozjati ta' Orizzont Ewropa huma wkoll marbutin ma' negozjati aktar ġenerali fi gruppi oħra tal-QFP. Il-baġit ġenerali tal-QFP u l-partijiet ewlenin f'parentesi kwadri fil-proposta ta' Orizzont Ewropa – b'hall-parti dwar it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza, il-kriterji għall-aġġudikazzjoni u l-għażla, u r-rati ta' finanzjament – qed jiġu nnegozjati fil-Grupp ta' Ħidma ad hoc għall-QFP. Minkejja dan, l-Istati Membri ilhom jitolbu diżaggregazzjoni tal-baġit ġenerali għal Orizzont Ewropa fuq is-sottokomponenti tiegħu. Is-sottogrupp dwar il-FEK jinnegozja l-ġabra komuni tar-regoli, kif ukoll il-governanza u l-kontenut tat-twieqi ta' politika.
15. L-informazzjoni ta' segwitu mistennija mill-Kummissjoni li tiddekrivi l-mekkaniżmu ta' tmexxija u l-għodda ta' koordinazzjoni tal-kompetittività – li huma mistennija jikkontribwixxu għall-iffissar tal-prijoritajiet minn fuq għal isfel u l-allinjament bejn il-programmi – għadha tikkostitwixxi element ewlieni mhux magħruf. Lanqas ma huwa ċar sa liema punt u f'liema livell ser ikunu involuti l-Istati Membri.

Kwistjonijiet trażversali:

16. **L-istruttura tal-Programm Qafas:** B'mod ġenerali, l-arkitettura ġenerali tal-Programm Qafas, strutturata madwar il-pilastri, ma kienx hemm dubju dwarha. Ftit Stati Membri biss ikkunsidraw jew talbu li partijiet speċifiċi jiċċaqilqu, jew għal pilastri oħra bħala parti trażversali tal-programm, jew għal programmi oħra tal-Unjoni, l-iktar il-FEK.
17. **Flessibbiltà u prevedibbiltà:** L-enfasi kienet fuq it-tfassil ta' qafas li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibbiltà u l-prevedibbiltà. L-għan kien li jintlaħaq ekwilibriju dinamiku biex titrawwem l-innovazzjoni, filwaqt li jiġi pprovdut qafas regolatorju ċar u affidabbli permezz tas-simplifikazzjoni tat-test u ż-żieda ta' aktar ċarezza fejn meħtieġ fil-Programm. Waħda mill-kwistjonijiet pendenti ewlenin hija l-governanza ġenerali għall-proċess tal-iffissar tal-prijoritajiet u l-involviment tal-Istati Membri fih. Għal din ir-raġuni, iddaħħal spazju riżervat fil-Programm Speċifiku għad-definizzjoni ta' proċess ġenerali tal-iffissar tal-prijoritajiet strateġiċi li jiżgura rwol konsultattiv qawwi għall-Istati Membri u, permezz ta' hekk, l-involviment u l-aċċettazzjoni tagħhom.

18. **Simplifikazzjoni:** Li ssir simplifikazzjoni għall-benefiċċju tal-applikanti u tal-benefiċjarji huwa prijorità ewlenija. Għal din ir-raġuni, ġie introdott prinċipju orizzontali biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Barra minn hekk, uħud mill-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti (bħall-użu ta' somom f'daqqa u kostijiet unitarji għall-persunal bħala l-forma prestabbilita) tqiegħdu bil-korsiv u b'tipa grassa għal aktar diskussjoni biex jinħoloq l-aħjar qafas. Filwaqt li ħafna miżuri ta' simplifikazzjoni ser jiġu deċiżi matul il-fażi ta' implimentazzjoni, huwa kruċjali li l-Programm Orizzont Ewropa jagħti gwida ċara. Prijorità oħra ta' simplifikazzjoni hija s-simplifikazzjoni tar-regolamenti biex jiġi żgurat li jkunu ċari, jevitaw ripetizzjoni bla bżonn, u joffru flessibbiltà fl-implimentazzjoni tagħhom.
19. **Interdixxiplinarjetà, inkluż l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u studji umanistiċi (SSH):** Hemm allinjament sħiħ dwar il-ħtieġa li jiġu żgurati approċċi multidixxiplinari u li tiġi prevista l-integrazzjoni tal-SSH fil-partijiet kollha tal-Programm Qafas. Dan ġie ssottolinjat aktar fil-Pilastru II – Kompetittività u Soċjetà, bil-ħsieb li jiġu żgurati r-riżultati kollaborattivi tar-R&I meħtieġa biex isolvu l-isfidi li għandha quddiemha l-UE. Barra minn hekk, il-ħtieġa għal sejħiet speċifiċi għal proposti li jindirizzaw suġġetti relatati mal-SSH ġiet speċifikata aktar ukoll.
20. **Assoċjazzjoni:** L-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Programm Qafas tieħu dimensjoni ġdida fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku attwali, bl-UE taqa' lura fir-R&I u l-ftuħ tal-Programm Qafas għal użu doppju. Biex dan jiġi indirizzat, l-artikolu dwar l-assoċjazzjoni ġie armonizzat fil-programmi kollha tal-QFP, billi jibni fuq l-erba' kategoriji magħrufa ta' pajjiżi terzi iżda jagħmel enfasi akbar fuq il-kostijiet komuni ta' assoċjazzjoni, il-bilanċ ġust, id-dritt tal-UE għal ġestjoni finanzjarja għaqlija, u li ma tingħatax is-setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet lil pajjiżi terzi fir-rigward tal-Programm. L-isfida għall-Programm Qafas ser tkun li tiġi bbilanċjata l-ħtieġa għal sħubija ma' xi pajjiżi li l-assoċjazzjoni magħhom ma fiha ebda vantaġġ, u li jiġu applikati miżuri ta' sigurtà tar-riċerka lejn pajjiżi f'kategoriji oħra li joffru vantaġġi. Aspett ieħor jikkonċerna sħab mill-qrib u fdati u l-kapaċità tagħhom li jassoċjaw u jipparteċipaw bis-sħiħ fil-benefiċċji reċiproċi. Barra minn hekk, Orizzont Ewropa u l-FEK huma stabbiliti biex imexxu skemi ta' assoċjazzjoni differenti, li jistgħu joħolqu ostakli għaċ-ċiklu ta' innovazzjoni integrat li qed naħdmu għalih.

21. **Użu doppju:** Il-ftuħ tal-Programm Qafas biex jappoġġa l-użu doppju ġej minn żviluppi ġeopolitiċi u teknoloġiċi rapidi. Dan jintroduċi bidla fil-kamp ta' applikazzjoni meta mqabbel mal-Programm Qafas attwali. Għalhekk, negozjati oħra għandhom jiddistingwu b'mod ċar il-potenzjal ta' użu doppju u l-appoġġ minn attivitajiet purament relatati mad-difiża. Sabiex jinkiseb benefiċċju mill-ispinta li l-użu doppju jista' jagħti lir-R&I, jeħtieġ li jiġi ddefinit il-qafas it-tajjeb biex jiġi evitat l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet bla bżonn u amministrazzjoni ta' piż.
22. **Is-sigurtà tar-riċerka:** L-għan tas-sigurtà tar-riċerka huwa li jiġu ġestiti r-riskji bħat-trasferiment mhux mixtieq ta' teknoloġija kruċjali, l-inflwenza malizzjuża fuq ir-riċerka, u l-ksur etiku jew tal-integrità, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji fundamentali tar-R&I li jiffurmaw is-sisien taż-ŻER. Il-kwistjoni tas-sigurtà tar-riċerka ser tkun parti integrali min-negozjati dwar kwistjonijiet ewlenin pendent.

Interkonnessjonijiet mal-FEK:

23. Il-proposta ta' Orizzont Ewropa u l-proposta tal-FEK huma marbuta mill-qrib f'diversi oqsma, u jaqsmu l-ambizzjoni sottostanti li jagħtu spinta liċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni. Dan ser jippermetti lir-R&I jagħmlu tranżizzjoni għal soluzzjonijiet li jistgħu jintużaw u prodotti kummerċjabbli, filwaqt li jiżgura wkoll li l-isfidi tal-użu jikkontribwixxu għar-riċerka. Il-prijoritajiet tematiċi għaż-żewġ programmi jenħtieġ li jkunu interdipendenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni biex jiggarrantixxu li l-investimenti pubbliċi jħallu l-ikbar impatt. Ir-rabtiet ewlenin jinsabu f'partijiet differenti tal-proposta ta' Orizzont Ewropa:
24. **Twieqi ta' politika** (l-Artikolu 15 tal-Programm Qafas u l-Artikolu 11 tal-Programm Speċifiku): Dawn l-artikoli jorbtu l-attivitajiet kollaborattivi tar-R&I taħt il-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa mat-twieqi ta' politika tal-FEK, u jispjegaw għaliex jinsabu fil-parti ddedikata għar-R&I tal-programm ta' ħidma tal-FEK għat-twieqi ta' politika rispettivi. L-attivitajiet fit-twieqi ta' politika tal-FEK ser jibbenefikaw ukoll mir-R&I kollaborattivi mwettqa fil-komponent tas-soċjetà ta' Pilastru II, u viċi versa, peress li l-iżviluppi kemm tal-kompetittività kif ukoll tas-soċjetà b'mod ġenerali huma interdipendenti.

25. **Missjonijiet u l-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB):** Hija meħtieġa rabta qawwija bejn il-ħames Missjonijiet eżistenti kif ukoll il-Faċilità NEB f'Orizzont Ewropa u l-FEK biex jiġi żgurat li l-investimenti ewlenin fir-R&I jibqgħu jintużaw mill-QFP attwali. Din il-konnessjoni ser tiżgura li innovazzjonijiet siewja jinġiebu fis-suq u jintużaw b'mod effettiv.
26. **Sħubijiet Ewropej** (l-Artikolu 11 tal-Programm Qafas u l-Artikolu 5 tal-Programm Speċifiku): Dawn l-artikoli jistipulaw l-interkonnessjoni ta' sħubijiet Ewropej futuri mas-sezzjonijiet ta' politika tal-FEK. Is-sħubijiet magħżula jistgħu jkunu relatati mill-qrib mat-twieqi ta' politika u jirrappreżentaw mezzi addizzjonali kif jiġi sfruttat il-finanzjament pubbliku u privat tul iċ-ċiklu ta' innovazzjoni biex jiġu indirizzati sfidi komuni.
27. **Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)** (l-Artikolu 16 u 34 tal-Programm Qafas u l-Artikolu 12 tal-Programm Speċifiku): Dan huwa marbut ma' InvestEU u l-Faċilità għall-iscaleups skont il-FEK. Żdiedet premessa ġdida (15c) biex tiżgura li l-komplementarjetà u t-tranżizzjoni bejn dawn l-istrumenti jaħdmu bla xkiel, b'mod partikolari għal kumpaniji li jiżviluppaw teknoloġiji ta' interess strateġiku għall-UE.
28. **Applikazzjonijiet tad-difiża:** Għall-EIC, l-Artikolu 16 jirreferi għall-appoġġ għal teknoloġiji kritiċi għall-applikazzjonijiet tad-difiża skont Orizzont Ewropa. Punt li għad irid jiġi deċiż mill-Istati Membri huwa kif tali attivitajiet għandhom jiġu ffinanzjati, pereżempju mill-parti tad-difiża fil-FEK jew minn InvestEU, abbażi tal-għarfien miksub b'finanzjament ta' teknoloġija profonda fl-EIC.
29. **Disseminazzjoni u valorizzazzjoni** (l-Artikolu 32 tal-Programm Qafas): Dan l-artikolu fih kontroreferenza għall-għodod tal-FEK li jaqdu l-istrateġija ta' valorizzazzjoni tal-FEK li l-Kummissjoni għandha tirreferi għaliha fil-każ li benefiċjarju ma jagħmilx l-aħjar sforzi biex jivvalorizza r-riżultati tagħhom.
30. **Miżuri ta' sigurtà** (l-Artikolu 20 fil-Programm Qafas:; li jirreferi direttament għall-Artikoli 10(2) u 10(3) tal-FEK dwar il-Preferenza tal-UE, l-Artikolu 13 dwar l-Aplikazzjoni tar-regoli dwar Informazzjoni Klassifikata u l-Artikolu 20 dwar Azzjonijiet Aċċellerati u Mmirati għall-Kompetittività): Dawn l-artikoli tal-FEK jistgħu jintużaw fi kwalunkwe parti tal-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa skont il-bżonn biex jiproteġu l-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika tal-UE. Jekk dan huwiex biżżejjed minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-sigurtà tar-riċerka għadha kwistjoni miftuħa.

31. Hija mistennija aktar diskussjoni fis-sottogrupp tal-Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-FEK rigward l-interess strateġiku li tintuża wkoll il-FEK biex ikunu jistgħu jiġu sostnuti l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija ta' interess strateġiku għall-kompetittività tal-UE. L-aħħar punt ewlieni li dwaru għadu mistenni l-parir legali dwar il-konformità mat-Trattat, huwa dwar il-Programm Speċifiku għar-R&I fid-difiża, li huwa Programm Speċifiku ta' Orizzont Ewropa, iżda li ġie inkluż fit-tieqa ta' politika tal-FEK dwar ir-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża, u l-ispazju, mingħajr baġit speċifiku ddedikat.

V. RAPPURTAR DETTALJAT GĦAL KULL BLOKKA TA' NEGOZJATI

32. F'dan li ġej, il-bidliet sostanzjali ewlenin li ġew introdotti biex isaħħu l-fokus tal-programm huma enfasizzati għal kull waħda mis-sitt blokk.

Blokka 1: Dispożizzjonijiet Ġenerali

33. Ġew introdotti diversi bidliet ewlenin biex il-Programm Qafas ikun aktar iffukat.

34. **Fil-Programm Qafas**, l-Artikolu 2, li jagħti d-definizzjonijiet, ġie rivedut u estiż kontinwament b'definizzjonijiet ġodda rilevanti biex jipprovdi sett iffukat ta' definizzjonijiet għall-Programm. Dan sar bi ħsieb biex it-termini użati fir-Regolament biss ikollhom jiġu ddefiniti, u d-definizzjonijiet minn regolamenti oħra ma jkollhomx jiġu ripetuti. Fl-Artikolu 3, l-oġettivi ġenerali tal-Programm Qafas ġew riveduti biex joħolqu narrattiva aktar b'saħħitha. L-enfasi l-ġdida hija fuq it-tiżiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi, permezz ta' R&I eċċellenti bbażati fuq kompetizzjoni miftuħa bil-ħsieb li jiġu appoġġati mhux biss il-kompetittività, iżda wkoll il-prosperità, is-sovranità u r-reżiljenza. It-test isaħħaħ ukoll l-appoġġ għar-realizzazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u l-appoġġ għat-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, filwaqt li jinkoraġġixxi ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ filwaqt li jiġġieled l-eżodu tagħhom. Fl-Artikolu 4 li jistabbilixxi l-istruttura tal-programm il-komponent tas-soċjetà tal-pilastru tal-kompetittività u s-soċjetà ġie modifikat, kif ukoll il-kapitolu taż-ŻER. Fl-Artikolu 5 dwar il-prinċipji orizzontali, qed tiġi introdotta enfasi ġdida fuq il-katina tal-valur tar-R&I, li tiżgura li l-programm ikun mifruħ mir-riċerka bażika għall-innovazzjoni trasformattiva u jippermetti interfaċċa b'saħħitha mal-FEK biex jitrawmu l-adozzjoni u l-użu tar-riżultati. Ġiet inkluzja wkoll is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi, bl-ispeċifikazzjoni li l-enfasi għandha tkun l-ewwel u qabel kollox fuq it-tnaqqis tal-piż għall-partiċipanti. Ġie introdott impenn ċar lejn il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqgħ għall-partijiet ikkonċernati kollha tar-R&I fl-UE bil-ħsieb tal-inklużività, filwaqt li diversi Stati Membri qed jappellaw għad-dħul mill-ġdid espliċitu tal-prinċipju ta' twessigħ mir-Regolament attwali dwar Orizzont Ewropa. . Żdiedet is-salvagwardja tal-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-R&I, u ġiet introdotta ż-żamma tas-sigurtà tar-riċerka bil-ġestjoni tar-riskji relatati, sabiex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji jitqiesu fl-attivitajiet kollha ta' R&I. Barra minn hekk, sabiex jinkiseb l-aqwa impenn u jitħalla l-akbar impatt, ġiet speċifikata l-ħtieġa li sinerġiji strateġiċi jiġu żviluppati bejn il-pilastru ta' Orizzont Ewropa u l-komponenti tagħhom, u li l-Programm Qafas jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-UE.

35. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet f'din il-parti (l-Artikoli 7, 8 u 9) huma dispożizzjonijiet standardizzati orizzontali komuni għal diversi programmi tal-UE. Għal din ir-raġuni, iżamm il-minimu strett ta' emendi filwaqt li xi bidliet ġew introdotti biss biex jiġu indirizzati kwistjonijiet aktar politiċi. Fl-Artikolu 8, ġie introdott is-siġill ta' eċċellenza użat bħalissa fuq talba mill-maġġoranza tad-delegazzjonijiet sabiex jew jissostitwixxi s-siġill tal-kompetittività l-ġdid propost, jew tal-anqas jikkomplementah. Il-proposta tal-Presidenza tkun tippermetti l-użu taż-żewġ siġilli biex jiġi sfruttat finanzjament addizzjonali b'kunsiderazzjoni tal-marka prinċipali ta' kull siġill, filwaqt li jiġi evitat ir-riskju ta' konfużjoni minħabba li jkun hemm żewġ siġilli kif indikat minn xi Stati Membri. Fl-Artikolu 9, il-Kummissjoni tingħata struzzjonijiet biex kull sena tipprovdi lill-Kumitat tal-Programm b'informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi assoċjati biex tipprovdi trasparenza u ħarsa ġenerali.
36. L-Artikolu 10 huwa fundamentali għall-implimentazzjoni tal-Programm Qafas. Ġie speċifikat li l-għotjiet għandhom ikunu l-forma ewlenija ta' appoġġ f'konformità mal-prattika attwali. Barra minn hekk, huwa mfakkar li l-kumitat tal-evalwazzjoni għandu jkun magħmul, kollu kemm hu jew, f'każijiet debitament ġustifikati, parzjalment, minn esperti esterni indipendenti. L-introduzzjoni ta' opzjonijiet ta' kostijiet issimplifikati, bħal somom f'daqqa u kostijiet ta' unità għall-persunal bħala l-forma prestabbilita tal-finanzjament tal-UE, irċeviet appoġġ imħallat mill-Istati Membri b'xettiċiżmu ġenerali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet ta' unità għall-kostijiet tal-persunal bħala forma prestabbilita.

37. **Fil-Programm Speċifiku**, l-Artikolu 1 jistipula li l-Programm Qafas għandu jimplimenta wkoll attivitajiet ta' R&I kollaborattivi b'appoġġ tat-twieqi ta' politika tal-FEK. L-Artikolu 2 dwar l-oġġettivi operazzjonali ma ra l-ebda bidla kbira minbarra enfasi aktar qawwija fuq l-inkoraġġiment tal-isfruttament tar-riżultati tar-R&I u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija. L-Artikolu 4 jagħmel il-lista ta' kontenut għall-programmi ta' ħidma eżawrjenti, minflok indikattiva. Dan bl-għan li l-implimentazzjoni tal-programm issir aktar ċara u aktar strutturata, u hekk jiġu żgurati azzjonijiet aktar prevedibbli u definiti fil-programmi ta' ħidma u jiġi evitat li jkunu jistgħu jiżiedu kriterji addizzjonali fis-sejthiet mingħajr il-konsultazzjoni tal-Istati Membri. Għe speċifikat ukoll li għandha tiġi stabbilita proċedura ta' rieżami tal-evalwazzjoni. Is-sigurtà tar-riċerka żdiedet mal-lista ta' azzjonijiet li għalihom japplikaw regoli speċifiċi. L-għadd ta' programmi ta' ħidma separati għe allinjat mal-istruttura tal-programm. Bi tweġiba għat-talba kostanti tal-Istati Membri biex ikollhom l-involviment aktar qawwi tagħhom fl-iffissar tal-prijoritajiet definit, għe introdott spazju riżervat fil-forma ta' artikolu ġdid biex jistabbilixxi qafas strateġiku għall-iffissar tal-prijoritajiet, li jiżgura rwol konsultattiv qawwi u, permezz ta' dan, l-involviment u l-aċċettazzjoni tal-Istati Membri. Il-formulazzjoni ta' dan l-artikolu ssir ladarba jkun hemm aktar informazzjoni dwar il-mekkaniżmu ta' tmexxija u l-għodda ta' koordinazzjoni tal-kompetittività mħabbra mill-Kummissjoni. Fl-Artikolu 18 dwar il-proċeduri ta' kumitat, it-titolu tal-konfigurazzjoni ġenerali nbidel għal "konfigurazzjoni strateġika" fejn ir-rwol kiber biex jinkludi s-sorveljanza tal-koerenza tal-programm fil-programmi ta' ħidma individwali tiegħu, inkluż ma' sħubijiet Ewropej. Is-sottokumitati ġew allinjati mal-istruttura tal-programm. Barra minn hekk, u biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Istati Membri, ġew introdotti żewġ punti: il-klawżola ta' ebda opinjoni għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma u l-obbligu tal-Kummissjoni li tinforma lill-Kumitat tal-Programm regolament u mill-bidu dwar il-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tal-programm speċifiku.

Blokka 2: Xjenza Eċċellenti

Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC)

38. B'mod ġenerali, il-bidliet ewlenin marbuta mal-ERC kienet li l-proposta tiġi riveduta biex tkun konformi mal-prattika u l-formulazzjoni attwali. Fil-**Programm Qafas**, l-oġġettiv ewlieni tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, inkluż enfasi fuq ir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, ġie affermat mill-ġdid. Il-premessa 13 ġiet modifikata, biex tispeċifika li l-ERC għandu jieħu l-aktar toroq promettenti sa fejn twassal il-fruntiera tax-xjenza fl-oqsma kollha, b'impenn għal riċerka minn isfel għal fuq, immexxija mir-riċerkaturi permezz ta' kompetizzjoni miftuħa bbażata unikament fuq l-eċċellenza.
39. Fil-**Programm Speċifiku**, l-Artikolu 6, il-mandat tal-president tal-ERC ġie stabbilit għal erba' snin, li jista' jiġġedded darba, f'konformità mal-prattika attwali. Ġie speċifikat ukoll li l-president tal-ERC għandu jiddedika mill-inqas 80 % tal-ħin tax-xogħol għal attivitajiet tal-ERC, f'konformità mal-prattika attwali. Barra minn hekk, ir-referenza għall-politiki korporattivi tal-Kummissjoni tħassret, peress li t-tifsira setgħet tinftiehem ħażin f'termini tal-awtonomija tal-ERC. Fl-Artikolu 7, il-kompożizzjoni tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC ġiet stabbilita għal massimu ta' 22 membru, biex il-Kunsill Xjentifiku jkun jista' jiffunzjona jekk ikun hemm inqas membri fil-kariga fi kwalunkwe mument partikolari. Il-mandat tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku ġie allinjat ma' dak tal-president. Ġie speċifikat ukoll li t-tliet viċi presidenti, magħżula mill-Kunsill Xjentifiku, ser ikollhom appoġġ amministrattiv fl-istituzzjonijiet ta' orijini tagħhom, u li l-membri tal-Kunsill Xjentifiku ser jiġi kkompensati għall-kompiti li jwettqu. L-għarfien intuwittiv dwar ix-xejriet tar-riċerka jew il-kwistjonijiet ta' politika li l-Kunsill Xjentifiku jikkomunika lill-Kummissjoni issa għandu jitwassal mill-Kummissjoni lill-Istati Membri. L-Artikolu 7 jispeċifika wkoll li t-tixrid tal-għarfien u l-kooperazzjoni, kemm Ewropej kif ukoll internazzjonali, huma importanti biex tiżdied il-viżibbiltà tal-ERC għall-aħjar riċerkaturi kemm fl-UE kif ukoll fil-bqija tad-dinja, anke f'konformità mal-prattika attwali. Fl-Artikolu 8, saret biss bidla waħda li tagħti struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tinforma lill-konfigurazzjoni tal-Kumitat tal-Programm tal-ERC b'mod regolari u f'waqtu dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC.

40. Fil-Programm Qafas, l-Artikolu 13 jikkonferma li l-għan primarju tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCAs) huwa li jappoġġaw il-karrieri fir-riċerka fl-istadji kollha, b'enfasi partikolari fuq ir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, u li jrawmu l-eċċellenza fir-riċerka minn isfel għal fuq u jiżviluppaw u jattiraw it-talent fir-riċerka. L-artikolu jtenni l-appoġġ għall-iskambji tal-persunal tar-riċerka. Ir-referenza oriġinali għal kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà tmexxiet għall-Premessa 14, billi l-enfasi fuq is-sigurtà tar-riċerka hija kwistjoni trażversali orizzontali u mhix biss relatata mal-MSCAs.
41. Fil-**Programm Speċifiku**, l-Artikolu 9 itenni n-natura minn isfel għal fuq tal-finanzjament tal-MSCA u jispeċifika li kwalunkwe devjazzjoni minn dan bil-ħsieb li ċerti attivitajiet jiġu mmirati lejn prijoritajiet tematiċi speċifiċi, tipi ta' istituzzjonijiet ta' R&I jew postijiet ġeografiċi tista' sseħħ biss f'każijiet debitament ġustifikati u jekk isir disponibbli finanzjament addizzjonali minn sorsi oħra. Il-paragrafu li jirreferi għal sinerġiji ma' partijiet oħra ta' dan il-programm tħassar peress li huwa prinċipju orizzontali. Bħala parti min-negozjati dwar l-MSCAs, tpoġġiet enfasi fuq il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni tal-pajjiżi użati biex jiżguraw kundizzjonijiet tal-impjeg kompetittivi u attraenti u ugwaljanza fil-kapaċità tal-akkwist tar-remunerazzjoni minħabba kritika mifruxa tal-metodoloġija tagħhom u l-frekwenza li jiġu aġġornati biha.

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)

42. Fil-**Programm Qafas**, l-Artikolu 14 issa jispeċifika li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jipprovdi wkoll lill-Istati Membri l-għarfien indipendenti u bbażati fuq l-evidenza u appoġġ tax-xjenza, fejn rilevanti. Fil-**Programm Speċifiku**, f'tit bidliet żgħar biss ġew introdotti fl-Artikolu 10.
43. Fil-fehma tal-Presidenza, dan il-pilastru laħaq ċertu livell ta' maturità f'dan l-istadju tan-negozjati, għalkemm dan ma jfissirx li kulħadd jaqbel ma' kollox. Ir-rakkomandazzjoni hija li l-isforzi jiġu ffukati fuq partijiet oħra fi bżonn akbar ta' attenzjoni addizzjonali, qabel ma jerġgħu lura għal dan il-pilastru.

Blokka 3: Kompetittività u Soċjetà

Sħubijiet Ewropej

44. **Fil-Programm Qafas**, l-Artikolu 11 jistipula żewġ tipi ta' sħubijiet, ibbażati jew fuq memorandum ta' qbil (MtQ) jew fuq arranġament kuntrattwali magħruf bħala impriża konġunta. Għalkemm dan huwa differenti mill-Programm Qafas attwali, li taħtu s-sħubijiet kofinanzjati huma bbażati fuq l-għotjiet, dan jista' jitqies bħala simplifikazzjoni milqugħa sakemm ikun hemm aktar ċarezza dwar il-proċess. Żdied il-paragrafu 3a biex jistipula b'mod formali r-rekwiżiti li kwalunkwe sħubija Ewropea għandha tkun ibbażata fuq aġenda strateġika ta' riċerka u ta' innovazzjoni li tiddekrivi l-prijoritajiet tematiċi, ir-riżultati mistennija, u l-pjan direzzjonali korrispondenti. Żdied il-paragrafu 5, il-punt (ba), biex jispeċifika li s-sħubijiet għandhom jinħolqu biss meta miżuri oħra tal-UE ma jkunux jilħqu l-oġettivi intenzjonati. Żdied il-paragrafu 5, il-punt (-a), biex jipprovdi assigurazzjoni lill-maġġoranza tal-Istati Membri dwar ir-rwol tagħhom fl-identifikazzjoni u l-għażla tas-sħubijiet ibbażati fuq MtQ. Għad fadal mistoqsijiet dwar l-aqwa ġestjoni tar-riżervi virtwali sabiex kull Stat Membru jikkofinanzja biss lill-parteċipanti tiegħu stess fil-proġetti. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat kif l-industrija ser tikkontribwixxi finanzjarjament.
45. **Fil-Programm Speċifiku**, fl-Artikolu 5, it-test li kien irrestrinġa l-għażla tas-sħubija għall-Kummissjoni biss tneħħa mill-paragrafu 1, il-punt (a), biex jippermetti l-identifikazzjoni u l-għażla konġunti mal-Istati Membri. Il-paragrafu 1, il-punt (a)(iii), jistabbilixxi l-għadd minimu ta' sħab parteċipanti f'konsorzju għal 10 Stati Membri (40 % tal-Istati Membri attwali kollha) minħabba li l-maġġoranza talbet li jkun hemm aktar mill-ħamsa proposti oriġinarjament. Barra minn hekk, fil-paragrafu, il-punt (a)(via), żdiedet strateġija tad-data bħala kriterju għall-għażla, bħalma żdiedu l-integrazzjoni tal-SMEs u l-iscaleups fil-paragrafu 1, il-punt (a)(viia). Fil-paragrafu 1(aa)(xiiia), żdied obbligu fuq il-Kummissjoni li taqsam id-dettalji mill-evalwazzjonijiet mal-korpi tal-UE u l-Istati Membri, filwaqt li fil-paragrafu 1, żdied il-punt (ab) sabiex jispjega li fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-Istati Membri għandhom jiġu infurmati bi kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni. L-artikoli dwar is-sħubijiet għad għandhom bżonn aktar ħidma u diskussjoni sostanzjali.

46. Peress li bosta Stati Membri sabu li l-komponent tas-soċjetà ma kienx sodisfaċenti, il-Presidenza ħadmet magħhom biex tfasslu mill-ġdid u tikkonsolidah f'narrattiva aktar ċara li tiddefinixxi r-rwol, il-kamp ta' applikazzjoni u l-interkonnessjoni tiegħu mal-komponent tal-kompetittività. Filwaqt li sar progress tajjeb, hija meħtieġa aktar ħidma biex tiġi delinjata u msaħħa d-dimensjoni tas-soċjetà. L-Artikolu 15 tal-**Programm Qafas** jidentifika żewġ komponenti ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, wieħed dwar il-kompetittività u wieħed dwar is-soċjetà. F'paragrafu ġdid, dan jgħid li ż-żewġ komponenti għandhom jiġu żviluppati b'mod koerenti biex jiġu żgurati t-tiżiħ reċiproku u l-kopertura bla xkiel tax-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni għal Unjoni b'saħħitha u reżiljenti.
47. L-Artikolu 15 isemmi wkoll appoġġ possibbli li jibqa' jingħata għall-attivitajiet li jkun fadal ta' R&I tal-Missjonijiet kif ukoll għall-Faċilità tal-NEB, u ma jorbothomx aktar mal-komponent tas-soċjetà biss. Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu stabbiliti rabtiet b'saħħithom ma' programmi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari l-FEK, biex jiġu żgurati l-adozzjoni u l-valorizzazzjoni effettivi tar-riżultati tar-riċerka, f'konformità mal-objettivi oriġinali tal-Missjonijiet u anki minħabba l-allinjament mill-qrib bejn il-Missjonijiet u t-twieqi ta' politika tal-FEK. Kwalunkwe attività li jifdal marbuta mal-Missjonijiet tista' tiġi appoġġata fil-programmi ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa. Bl-istess mod, diversi Stati Membri nnutaw li l-aktar soluzzjoni sempliċi fir-rigward tal-Faċilità tal-NEB tkun li l-attivitajiet tar-R&I li jifdal jiġu integrati fi programmi ta' ħidma bħala suġġetti.
48. Fl-Artikolu 11 tal-**Programm Speċifiku**, il-komponent tas-soċjetà nkiteb mill-ġdid biex jistipula tliet oqsma ewlenin biex tiġi għwida t-trasformazzjoni tas-soċjetà: il-fehim tal-bidliet ġeopolitiċi, ambjentali, teknoloġiċi u demokratiċi u l-evidenza għat-tfassil tal-politika; it-trawwim ta' soċjetajiet demokratiċi, ġusti u siguri; u s-sostenn tal-industriji kulturi u kreattivi Ewropej.

Blokka 4: Innovazzjoni

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)

49. Għan ġenerali wieħed kien li tiġi ċċarata l-interkonnessjoni bejn l-EIC u l-FEK, b'mod partikolari fid-dawl tal-InvestEU u l-faċilità scaleup, biex jiġu definiti l-kamp ta' applikazzjoni u l-komplementarjetà t-tajba u jiġi aġġustat it-test kif xieraq. Għal dan l-għan, żdiedet premessa 15b ġdida. Din il-ħidma ser ikollha titkompla biex fil-futur tinkiseb l-aħjar soluzzjoni u implimentazzjoni effiċjenti. F'dan il-kuntest, il-paragrafi 7 u 10 tal-Artikolu 34 fil-Programm Speċifiku, li jstipulaw każijiet eċċezzjonali fejn l-EIC xorta jista' jintervjeni u jipprovi finanzjament ta' segwitu jew finanzjament lil kumpaniji bankabbli, għadhom miftuħa għal aktar diskussjoni.
50. **Fil-Programm Qafas**, il-kamp ta' applikazzjoni tal-EIC ġie speċifikat aktar, u saret żieda mal-Artikolu 16 biex jiġi speċifikat l-obbligu ta' operazzjoni b'komplementarjetà reċiproka mal-istrumenti tal-FEK. Għall-għotjiet tal-pathfinder, żdiedet enfasi fuq ir-riċerka fi stadju bikri. Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija u l-attivitajiet ta' networking, u l-użu tagħhom, żdiedu wkoll mal-kompiti tas-servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju. Barra minn hekk, ġiet introdotta deskrizzjoni tal-kompiti simili għall-ARPA (Aġenzija Ewropea għall-Proġetti ta' Riċerka Avanzata) għall-maniġers tal-programmi biex jiġi ċċarat xi jfisser dan l-approċċ. Il-fehmiet ivarjaw dwar il-livell ta' awtonomija li għandu jingħata. Minħabba pożizzjonijiet diverġenti dwar il-finanzjament għall-applikazzjonijiet tad-difiża biss permezz ta' approċċ simili għad-DARPA (Aġenzija Ewropea għall-Proġetti ta' Riċerka Avanzata fil-Qasam tad-Difiża), it-test iddaħħal b'tipa grassa u bil-korsiv għal aktar negozjati dwar soluzzjoni possibbli. Il-Presidenza tara tliet soluzzjonijiet possibbli: li tittieħed il-proposta tal-Kummissjoni u tiġi elaborata kif xieraq; li jiġi definit il-proċess li jista' jikkontribwixxi għall-approċċ simili għad-DARPA tal-EIC permezz ta' fondi mill-parti tad-difiża tal-FEK; jew li l-approċċ simili għad-DARPA jżdied fil-parti tad-difiża tal-FEK biex jinġabru flimkien l-investimenti kollha purament relatati mad-difiża. Fid-diskussjonijiet, l-Istati Membri s'issa kienu fil-biċċa l-kbira favur l-aħħar żewġ għażliet. Tiżdied premessa 15a ġdida li tispjega ċ-ċertifikazzjoni ta' programmi u korpi nazzjonali għall-iskema Plug-in.

51. Fl-Artikolu 34, ġie speċifikat li l-ġhotjiet ta' tranżizzjoni tal-EIC jistgħu jingħataw mingħajr sejħiet għal proposti, jekk speċifikat fil-programmi ta' ħidma, fuq rakkomandazzjoni tal-maniġer tal-programm u l-parir ta' esperti esterni indipendenti. Barra minn hekk, ġie speċifikat li f'każijiet eċċezzjonali l-aċċelleratur tal-EIC jista' jappoġġa kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Barra minn hekk, iddaħħal test li jispeċifika li d-deinvestimenti mill-Fond tal-EIC għandhom jiġu ttrattati bħala rimborżi għall-Fond tal-EIC, b'riflessjoni ta' formulazzjoni simili użata fil-FEK.
52. Fl-Artikolu 12 tal-**Programm Speċifiku**, il-mandat tal-president tal-Bord tal-EIC żdied għal erba' snin, li jista' jiġġedded darba. Minħabba l-profil għoli tar-rwol, l-esperjenza kkonfermata bil-provi żdiedet mar-rekwiżiti meħtieġa. Fir-rigward tal-membri tal-Bord tal-EIC, id-distribuzzjoni tematika żdiedet mal-aspetti li għandhom jiġu bbilanċjati.

Ekosistemi tal-innovazzjoni

53. Fil-**Programm Qafas**, l-Artikolu 17 jispeċifika l-appoġġ għal attivitajiet madwar il-prijoritajiet strateġiċi u b'enfasi fuq il-ħolqien ta' ekosistemi tal-innovazzjoni tranżnazzjonali konnessi. Iridu jinstabu wkoll sinerġiji ma' komponenti ewlenin oħra tal-Programm Qafas. Il-parti tal-Artikolu 17 dwar l-appoġġ għal attivitajiet biex titrawwem l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-ġharfien għadha miftuħa peress li diversi Stati Membri qajmu tħassib li l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ma kienx inkluż fil-proposta tal-Kummissjoni u talbu li jerġa' jiddaħħal. Diversi Stati Membri talbu wkoll kjarifika dwar din l-ommissjoni u dwar is-sitwazzjoni tal-EIT u tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tiegħu fil-programm Orizzont Ewropa li jmiss. Madankollu, xi Stati Membri jippreferu jistennew il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EIT, mistennija sa tmiem l-2026. Għal din ir-raġuni, it-test tqiegħed b'tipa grassa u bil-korsiv għal aktar diskussjonijiet, inkluż fil-Programm Speċifiku, l-Artikolu 13, filwaqt li l-Kummissjoni ntabbet ukoll tipprovdi dokument informali dwar l-EIT biex iżżomm lill-Istati Membri infurmati.

54. Fl-Artikolu 13 tal-**Programm Speċifiku**, ir-riċerkaturi żdiedu mal-partijiet ikkonċernati li għandhom jibbenefikaw mill-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi. Fir-rigward tal-attivitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp ta' ekosistemi tal-innovazzjoni pan-Ewropej, ġiet speċifikata l-enfasi fuq l-integrazzjoni u t-tisħiħ kemm tal-punti b'saħħithom kif ukoll dawk potenzjali. L-appoġġ iddedikat għall-SMEs, l-istartups u l-iscaleups fil-qafas ta' dan is-sottokomponent tal-pilastru tal-innovazzjoni ġie interkonness mas-sottokomponenti l-oħra, iċ-ċentri konnessi u l-isforzi tal-ekosistema tal-innovazzjoni biex jiġi pprovdut approċċ aktar koerenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ntalbet tippreżenta dokument informali li jiddeskrivi f'aktar dettall l-attivitajiet mistennija li jseħħu fil-qafas ta' dan il-komponent tal-pilastru tal-innovazzjoni.
55. Hemm diversi kwistjonijiet pendenti marbuta ma' dan il-pilastru, jiġifieri l-interkonnessjoni ċara bejn l-EIC u l-FEK, l-approċċ simili għad-DARPA fil-qafas tal-EIC u l-futur tal-EIT li jeħtieġu aktar attenzjoni. Barra minn hekk, il-kontribut tal-ekosistemi tal-innovazzjoni għax-xenarju tal-investment stabbilit mill-istrumenti tal-EIC u tal-FEK għandu jiġi mmonitorjat.

Blokka 5: Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)

56. Għandu jiġi nnutat li l-artikoli ta' twessigħ kemm fil-Programm Qafas kif ukoll fil-Programm Speċifiku huma f'parentesi kwadri u diversi Stati Membri esprimew dispijaċir dwar dan.
57. Fil-**Programm Qafas**, l-Artikolu 18 inqasam fi tliet artikoli, fejn kull wieħed jispeċifika l-komponenti ewlenin ta' dan il-pilastru, jiġifieri t-twettiq taż-ŻER, il-faċilità ta' appoġġ għall-politiki u l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija.

Żona Ewropea tar-Riċerka

58. L-artikolu dwar iż-ŻER issa jagħmel referenza għas-sett sħiħ ta' valuri u prinċipji taż-ŻER u l-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, minflok lista individwali mhux kompluta.
59. Fl-Artikolu 14 tal-Programm Speċifiku, ġie speċifikat li t-twettiq taż-ŻER għandu jkun sforz maqsum bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha permezz ta' prijoritajiet identifikati u maqbula b'mod konġunt. Għalhekk, sakemm ikun hemm l-Att dwar iż-ŻER li ġej, ma ġietx introdotta referenza diretta għall-aġendi ta' politika taż-ŻER.

60. **Fil-Programm Qafas**, l-artikolu 18a l-ġdid dwar l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija jissottolinja l-bżonn li l-UE jkollha ekosistema koerenti u konnessa ta' infrastrutturi pan-Ewropej u servizzi relatati. L-artikolu jiċċara wkoll li l-appoġġ li jwassal sa 20 % tal-kostijiet tal-bini ta' kapaċitajiet kruċjali ġodda tal-ogħla kwalità jinkludi wkoll aġġornamenti kbar tal-kapaċitajiet kruċjali eżistenti. Għad hemm nuqqas ta' qbil dwar l-introduzzjoni ta' dan it-tip ta' appoġġ minħabba tħassib minn xi wħud dwar il-konsegwenzi ekonomiċi possibbli. Sar tentattiv biex dan jiġi indirizzat fil-Programm Speċifiku (ara hawn taħt). Ġie speċifikat li dawn l-infrastrutturi għandhom jiġu identifikati u maqbula b'mod konġunt mill-UE u l-Istati Membri fi proċess miftuħ, trasparenti u kompetittiv, abbażi ta' kriterji ċari. Il-premessa 19 tissottolinja li l-appoġġ għall-infrastrutturi għandu jirrifletti l-ħtiġijiet strateġiċi tal-UE u jipprovdi valur miżjud Ewropew permezz ta' ppjanar koerenti fit-tul u investimenti kkoordinati, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) għall-infrastrutturi tar-riċerka, u tappella għal forum strateġiku simili għall-infrastrutturi tat-teknoloġija. Punt miftuħ għad-diskussjoni għadha l-opzjoni li l-FEK jikkontribwixxi wkoll finanzjament għal infrastrutturi li huma importanti għall-kompetittività Ewropea.
61. L-Artikolu 16 tal-**Programm Speċifiku** dwar l-infrastrutturi tar-riċerka u l-Artikolu 17 dwar l-infrastrutturi tat-teknoloġija ġew armonizzati kemm jista' jkun fid-dawl tal-attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati, inkluż l-aċċess ta' SMEs, startups u scaleups kif ukoll il-kollaborazzjoni u n-networking fiż-żewġ tipi ta' infrastrutturi, kull meta applikabbli. Barra minn hekk, it-test ġie aġġornat biex ikun konsistenti mal-Programm Qafas fid-dawl tal-appoġġ li jwassal sa 20 % tal-kostijiet tal-bini jew ta' titjib maġġuri ta' infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija tal-ogħla kwalità. Fl-artikolu dwar l-infrastrutturi tat-teknoloġija, l-appoġġ għal attivitajiet ta' valorizzazzjoni biex titħaffef l-adozzjoni mis-suq ġie elaborat. Ġie introdott Artikolu 17a ġdid biex jistabbilixxi kriterji ta' gwida għall-appoġġ tal-kostruzzjoni jew it-titjib maġġuri ta' infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija tal-ogħla kwalità.

Blokka 6: Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

Eliġibbiltà

62. Fil-**Programm Qafas**, l-Artikolu 21 jistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà. Fuq talba minn maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet, is-**siġill ta' eċċellenza** ġie introdott mill-ġdid biex jiġu rikonoxxuti proġetti ta' R&I ta' kwalità għolja fil-qafas ta' Orizzont Ewropa li ma mhux ser jieħdu finanzjament (Ara wkoll l-Artikolu 8 fid-dispożizzjonijiet ġenerali). Barra minn hekk, żdied il-paragrafu 1a biex jiċċara li kwalunkwe entità ġuridika, inkluż entitajiet ġuridiċi minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew organizzazzjonijiet internazzjonali, tista' tieħu sehem f'azzjonijiet fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Dan ma jinkludix l-aċċess għal finanzjament li l-kundizzjonijiet għalih huma spjegati fil-paragrafi sussegwenti. Il-paragrafu 10 inqasam fi tnejn biex jissepara l-azzjonijiet ineliġibbli għall-finanzjament mill-attivitajiet dwar iċ-ċelloli staminali umani li jistgħu jiġu ffinanzjati. Il-paragrafu 11 dwar it-terminazzjoni ġie estiż biex jagħti aktar dettalji dwar il-kundizzjonijiet għal proġett fil-qafas tal-aċċelleratur tal-EIC, li jibqa' punt ta' diskussjoni għal xi wħud. Barra minn hekk, il-paragrafu 12a ġie miżjud biex jiċċara li l-programmi ta' ħidma jistgħu jispeċifikaw kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali f'każijiet debitament ġustifikati.

Sejħiet għal proposti

63. L-Artikolu 23 jagħti d-dettalji dwar is-sejħiet għal proposti. Saret żieda biex jiġi stipulat li l-kontenut sħiħ tas-sejħiet għal proposti għandu jiġi inkluż fil-programm ta' ħidma. Diversi Stati Membri xtaqu li l-applikazzjonijiet f'żewġ stadji u l-evalwazzjoni mingħajr preġudizzju jiġu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni minflok fil-programmi ta' ħidma, kif kienet in-norma. Il-kwistjoni kienet tiffirma parti mid-dibattitu usa' dwar is-simplifikazzjoni, li l-Previdenza ppruvat tavvanza, fejn il-finalizzazzjoni tħalliet f'idejn il-presidenzi sussegwenti. Żieda oħra saret biex tgħid li l-programmi ta' ħidma għandhom jispeċifikaw ukoll is-sejħiet li għalihom jista' jingħata s-siġill ta' eċċellenza, flimkien mas-siġill tal-kompetittività.

Mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa

64. L-Artikolu 30 jistabbilixxi rati ta' kontribuzzjoni speċifiċi għall-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa, li jistabbilixxi rata standard ta' 5 %, li tista' tiżdied għal 8 % jew titnaqqas għal inqas minn 5 %. Il-bidliet fir-rati jistgħu jkunu meħtieġa minħabba swieq li jvarjaw u għadd akbar ta' utenti minn programmi oħra lil hinn minn Orizzont Ewropa. Iż-żieda ntlagħhet b'mod wiesa' mill-Istati Membri.

Disseminazzjoni u valorizzazzjoni

65. L-Artikolu 32 ingħata isem ġdid u ġie miżjud punt ġdid fil-paragrafu 1 dwar l-obbligi tal-benefiċjarji li jiproteġu r-riżultati rilevanti għas-sigurtà, b'referenza għall-assi intellettuali, b'reazzjoni għat-tħassib dejjem jikber fost l-Istati Membri dwar is-sigurtà tar-riċerka. Peress li l-Artikolu 32 huwa wkoll marbut mal-FEK u mal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà addizzjonali biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi strateġiċi tal-UE, saru sforzi biex jiġi allinjat ma' Orizzont Ewropa biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-tnejn.

Akkwist prekummerċjali u akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi

66. Fl-Artikolu 33, diversi Stati Membri esprimew ix-xewqa li jinkludu referenzi għal direttivi eżistenti għall-akkwirenti pubbliċi. Il-Kummissjoni sostniet li l-artikolu jkopri kemm l-akkwirenti pubbliċi kif ukoll dawk privati, kif ukoll l-akkwist prekummerċjali u kummerċjali. Mhux kollha huma indirizzati minn direttivi eżistenti u għalhekk jirrikjedu terminoloġija armonizzata f'dan il-programm. Id-direttivi eżistenti, b'kuntrast, japplikaw biss għall-akkwist minn entitajiet pubbliċi.

VI. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

67. Minħabba s-sitwazzjoni, il-Presidenza tqis li huwa utli li ssir riflessjoni dwar dan li ġej biex in-negozjati jkomplu:
- is-sitt blokok jiġu integrati biex jikkombinaw id-dispożizzjonijiet relatati tematikament tal-Programm Qafas u tal-Programm Speċifiku fi proposti sħaħ ikkombinati biex tkun żgurata ħarsa ġenerali ċara u konsistenza fit-test kollu biex jiġu evitati ripetizzjonijiet u kontradizzjonijiet;

- jiġi ddedikat ħin biżżejjed u sforz biex ikun hemm diskussjonijiet infurmati u kostruttivi dwar kwistjonijiet ewlenin ta' rilevanza strateġika inkluż permezz tal-użu ta' workshops tekniċi fejn rilevanti, sabiex jitwettaq Programm Qafas ta' R&I li għandu juri impenn qawwi tal-UE għall-eċċellenza xjentifika, is-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika li kapaċi jindirizzaw sfidi futuri.

VII. KONKLUŻJONIJIET

68. Matul il-mandat tagħha, il-Previdenza poġġiet enfasi strateġika fuq il-progress fil-ħidma kemm fuq il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni kif ukoll fuq il-Programm Speċifiku li jimplementa l-Programm Qafas. Il-mira tal-Previdenza kienet li trawwem dialogu kostruttiv fost l-Istati Membri u li tiffaċilita deliberazzjonijiet inklużivi u strutturati sabiex in-negozjati jitmexxew 'il quddiem.
69. Dawn l-isforzi laħqu l-qofol tagħhom fil-preżentazzjoni ta' diversi proposti ta' kompromess għal kull pilastru tal-Programm Qafas u l-Programm Speċifiku. Il-Previdenza temmen li l-aħħar testi ta' kompromess⁴, għalkemm ma jippretendux li jirrappreżentaw xi ftehim, jirriflettu eżitu tajjeb f'dan l-istadju tan-negozjati u bil-ħsieb ta' dawk li għad iridu jsiru. Id-delegazzjonijiet hađu l-impenn li jkomplu n-negozjati abbażi tal-progress li sar, bl-għan li jintlaħaq kunsens dwar il-kwistjonijiet pendenti u skont il-loġika li mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox.

⁴ 15308/25, 14839/25, 15671/25, 15314/25, 15638/25, 14838/25.